# Nota Qasira dwar il-validita' tal-kuntratti

**DR. ROBERT MUSUMECI**

*Dr Robert Musumeci huwa l-ewwel avukat u perit f'Malta. Fl-2020, huwa ottjena wkoll PhD mill-Universita ta' Malta wara li ddefenda t-teżi bit-titlu 'Judicial interpretation of Maltese Development Planning Law – Eliciting the added value.' Fl-2016, Dr Musumeci rebaħ il-'Best Doctor of Laws Thesis Award 2016' għall- publikazzjoni 'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'. Dr Musumeci kien ottjena wkoll Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings lura fl-2004 mill- istess Universita' ta' Malta wara li ippublika strateġija ta' konservazzjoni għall-Kappella magħrufa bħala Tal-Lunzjata li tinsab fl-inħawi ta' Tal-Għolja fil-limiti tas-Siġġiewi. Dr Musumeci huwa lettur fil-Fakulta tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta fejn jgħallem il-liġi tal-ippjanar kif ukoll il-liġi amministrattiva. Dr Musumeci serva bħala ċermen tal- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva, u għadu jservi, bħala konsulent tekniku-legali tal-gvern Malti u kien strumentali fir-riformi wara d-demerger tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar u t-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet. Dr Musumeci kellu sehem attiv fit-tfassil ta' numru ta' liġijiet oħrajn, fosthom il-liġi l-ġdida li tirregola l-Periti, il-liġi li tirregola l-ħruġ ta' liċenzji ta' Aġenti tal- proprjetà immobbli kif ukoll il-liġijiet wara t-twaqqif tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni.*

## 1. X'jista'  jwassal għal nullita ta' kuntratt?

Kuntratt ikun jiswa kemm -il darba l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu; li l-oġġett tal-kuntratt tkun ħaġa żgura; u finalment il-kawża ta' l-obbligazzjoni tkun waħda leċita. Jekk xi waħda minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali tkun nieqsa dak il-kuntratt għandu jiġi kkunsidrat "null" *ab initio* u ħadd ma jista' jippretendi xi drittijiet emanenti mill-istess kuntratt.

Dan hu dak li essenzjalment insibu fis-sentenza **Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et** (A.J.M. 10 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI.III.44), fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

*"[….] kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta' kuntratt u cjoe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita"*

## 2. Il-kunsens

L-**Artikolu 974** jitkellem dwar il- 'kunsens' fuq kuntratt. Dan jgħid hekk:

*"Jekk il-kunsens fuq kuntratt ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa."*

## 2.1 Il-kunsens mogħti bi żball

Dwar l-'iżball', l-**Artikolu 976** jgħid hekk:

*"(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim."*

Biex wieħed jifhem aħjar xi jfisser *'l-iżball li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa'*, huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza **Godfrey Aquilina *nomine* vs Sebastian Galea** deċiża mill-Prim'Awla fis-7 ta' Diċembru 1995:

*"Biex iwassal għan-nullita' tal-ftehim għax iħassar il-kunsens, l-izball irid jaqa' fuq kwalita' tal-ħaġa li kellhom f'moħħom il-partijiet, jew, għallinqas, li kellha f'moħħha waħda mill-partijiet, u li mingħajrha, ma kinux jaslu għall-ftehim, jew dik il-parti li kienet fi żball ma kinitx tagħti l-kunsens tagħha."*

Fil-każ ta' **Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et**, tal-4 ta' Marzu 2004, *'l-iżball li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa'* kien imfisser mill-Prim'Awla b'dan il-mod:

*"Għar-rigward ta' l-allegat żball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullita' tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim". Skond il-ġurisprudenza, l-iżball fuq is-sustanza għandu jkun determinanti, soġġettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli."*

## 2.2 Il-kunsens meħud bi vjolenza

Dwar il-'vjolenza', l-**Artikolu 978** jgħid hekk:

*"(1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Biex wieħed jifhem aħjar meta l-kunsens jitqies li jkun ittieħed bil-'vjolenza' huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar G Soler noe vs H H Sir David Campbell noe** (Vol XXXIII.II.431), *cioe'*:

*"Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annulat minhabba l-vjolenza jehtieg li l- kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estrat bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divers. Mhux bizzejjed li l-kunsens*

*jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza insormontabili ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens"*

Il-każ fl-ismijiet **Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo** (Vol XXIX.II.749) ukoll jgħina nifhmu meta l-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens:

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant".*

Fuq l-istess tema, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Evan Tony Camilleri et vs Michelina Vella** (9 ta' Gunju 2003) qalet hekk:

*"l-istat ta' anzjeta` u turbolenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizzjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar u allura kieku l-iskrittura kienet* validament maghmula ma jirrizultax li l-kunsens talkonvenuti fuq l-istess skrittura kien karpit bi vjolenza."

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et** (16 ta' Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) tmur pass *oltre* billi tgħid li l-eżerċizzju ta' dritt jew anke l-pretenzjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proċeduri ġudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala element kostituttiv ta' vjolenza:

*"Hu car pero` illi l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretenzjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti ... ... – il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitu ma jistax javanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu".*

## 2.3 Il-kunsens rizultat ta' għemil doluż

Dwar l-'għemil doluż', l-**Artikolu 981** jgħid hekk:

*"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

Hawn qed nitkellmu dwar 'għemil doluż', *ossija* qerq jew '*dolo*'. Dan kien is-suġġett fil-każ ta' **Anthony Piscopo vs Charles Filletti** tas-16 ta' Ġunju 2003 fejn il-Prim'Awla esprimiet ruħha bil-mod kif ġej:

*"A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi "l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta"*

Dan l-għemil doluż jew qerq m'hu qatt preżunt, imma għandu jiġi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinċiż (2) għall-imsemmi artikolu preċitat. Dan ifisser li biex jiġi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-oħra użat *scienter raggiri* frawdolenti u artifizji li kienu gravi.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Josephine Galea et -vs- AIC Walter Caruana Montaldo** nhar is-16 ta' Diċembru 1970, inghad dan:

*"[…] d-dolo jirnexxi meta ma jħallix lill-vittma żmien u ħsieb biex jirreżisti, anzi jneħħi minn moħħu l-iċken idea li hemm bżonn ta' reżistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-ieħor u tal-fiduċja riposta fih."*

Dwar l-istess suġġett tal- qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-każ ta' **George Portelli et vs Ivan John Felice**, tat-28 ta' Lulju 2004, il-Prim'Awla qalet hekk:

*"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir ezaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-kaz tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawza ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*

*Illi peress li l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, il-piż tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-każ preżenti, dan il-piż jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*

*Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikultà żejda mill-parti li tallega qerq, għaliex f'kaz bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun."*

Fuq l-istess tema, fil-każ ta' **Joseph Aquilina et vs Alfred Ellul**, tal-20 ta' Marzu 2003, il-Prim'Awla qalet hekk:

*"L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprudenza u fid-duttrina. Biex ikun hemm id-dolo jridu jikonkorru erba' elementi, li huma (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-*

*kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bill-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra. Dwar l-ewwel element, jehtieg li l-frodi jigi dejjem pruvat, u frodi "in re ipsa", li kien accettat fid-dritt Ruman, m'ghadux aktar parti mis-sistema taghna. Il-frodi tista' tigi pruvata bi kwalunkwe mezz li tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b'mod car u cert, u ma tistax tigi prezunta. It-tieni element irid li min ikun vittma ta' frodi juri li l-ingann uzat kien ta' certu gravità. Il-ligi trid tipprotegi l-kunsens ta' dak li jkun, però, ma tridx lanqas tasal li thassar kuntratt b'rizultat ta' kredulità zejda da parti tal-vittma (ara Giorgi, "Teoria Delle Obbligazzione", Vol. IV pagna 127). Certi suggerimenti, insistenzi u attenzjoni zejda da parti ta' dak li jkun irid jikkuntratta, ghalkemm mhux inkoraggjati, huma accettati, u wiehed ghandu joqghod hu attent li ma jaqax vittma ghal dawn it-tricks. Il-gurista Ricci ("Istituzioni di Diritto Civile"), jghid li l-maneggi wzati "deve consistere in quelle arti, maneggi o manovre che escono fuori dalla cerchia delle astuzie solite ad usarsi da tutti i contraenti". Ir-ragiri wzati ghandhom ikunu ta' certa gravita u certi inazetezzi ma jwasslux ghatthassir tal-kuntratt (ara "Elaida vs FXB Ltd", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru, 1998)."*

## 3 L-oġġett

Il-**Kap 16** imbagħad jitkellem dwar l-obligazzjoni mingħajr kawża jew il-kawża falza u, jew illeċita. Id-dispost rilevanti huwa l-**Artikolu 987** li jgħid hekk:

*"L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett."*

Madankollu, fil-kawża **Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono** mogħtija nhar il-5 ta' Ottubru 1998, il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

*"[…] id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'kawza illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra l-ezekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."*

### 3.1 Mingħajr kawża

Meta l-kawża ta' obligazzjoni hija impossibbli b'mod assolut, il-kawza hija inezistenti, u għalhekk l-obligazzjoni m'għandha ebda effett għaliex l-obligazzjoni hija mingħajr kawża.

Per eżempju, jekk wieħed iċedi lil persuna oħra d-dritt tax-xiri ta' karozza prenotata għand id-ditta importatriċi tal-karozza, u l-adempjiment tal-bejgħ da parti tad-ditta importatriċi tal-karozza, u l-adempjiment tal-bejgħ da parti tad-ditta importatriċi jkun impossibbli b'mod assolut, għax l-importazzjoni ta' karozzi ta' dak il-mudell tkun vjetata, dak il-bejgħ ma jistax ikollu effett, u dak li ċeda l-bejgħ ta' dik il-karrozza huwa tenut li jrodd liċ-ċessjonarju s-somma ta' flus li dan kien taħ in konsiderazzjoni ta' dik iċ-ċessjoni. (Ara per eżempju s-sentenza fl-ismijiet **Benedetto Axisa -vs- Salvatore Caruana**, mogħtija nhar it-18 ta' Mejju 1956 mill-Qorti ta' l-Appell)

## 3.2 Fuq kawża falza

Pacifici Mazzoni jagħraf żewġ tipi ta' 'kawża falza':-

(i) *"Causa" Erronea: quando una delle parti si e obbligata per una "causa" immaginaria che supponeva reale;*

(ii) *"Causa" simulata: quando ambedue le parti hanno indicato una "causa" che sapevono non esistente."*

Interessanti pero' li jekk "kawża" taparsi kienet taħbi "kawża" leċita, m'hemm ebda nullita ta' dak il-kuntratt, u għalhekk fuq talba għal dikjarazzjoni mill-Qorti, tal-"kawża" tassew, il-preskrizzjoni ta' sentejn għalxejn tinġieb 'l quddiem. Mill-banda l-oħra, meta kawża taparsi tissemma f'kuntratt u dehret biex taħbi "kawża" illeċita, dak il-kuntratt jista' jiġi mħassar sakemm ma tkunx għalqet il-preskrizzjoni ta' sentejn. (**Cachia Slythe vs Cachia Zammit** (XXIX))

## 3.3 Kawża illeċita

Il-kawża hija lleċita meta hija pprojbita mill-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali, tant illi l-kwistjoni tal-legalita jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża illeċita tista' tiġi sollevata mil-Qorti *ex officio*. Meta, allura, obligazzjoni tkun imsejsa fuq kawża illeċita, mhux konsentit li l-Qorti jimplimentaw u jagħtu forza ġuridika u esklussiva għall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-aġir tagħhom allura ikun kontra l-istess liġi u ordni pubbliku. (ara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Ċivili fl-ismijiet **Sammy Murgo vs Henry P. Cole** deċiża fl-31 ta' Mejju 2000 [**LXXXIV-II-335**]).

Dan għaliex *'nessun atto, per quanto liberamente consentito e, talora ripetuta, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un' obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico'* [Vol.XXII.I.193].

Isegwi li hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula fil-kawża illeċita.

## 4. Il-preskrizzjoni

Meqjus dan kollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li azzjoni għar-rexxissjoni ta' kuntratt trid tingieb *entro* t-termini preskritti. Id-dispost rilevanti huwa l-**Artikolu 1222** tal-**Kap. 16**. Dan jaqra hekk:

*"(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

L-artikolu sussegwenti imbagħad jaqra hekk:

*"(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

*(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

L-applikazzjoni ta' l-imsemmi **Artikolu 1222** hi manifestata f' bosta sentenzi tal-Qrati Maltin. Essenzjalment, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata inġustament tiġi a konjizzjoni tal-att abbużiv kommess fil-konfront tagħha u li hemm ippreġudikaha.

Fil-kawża ta' **Maria Agius vs Josephine Schembri et**, deċiż fit-23 ta' April 2009, il-Prim'Awla kellha xi tgħid hekk:

*"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullità u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti. Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz.*

*Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li: "Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' età u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett……U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni"."*

Prinċipju ieħor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għalkemm rikonoxxuta bħala meħtieġa biex tassigura li l-azzjoni tiġi eżerċitata *entro* t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jiġu debitament aċċertati, hija minnha nnifisha odjuża u allura għandha tiġi applikata restrittivament. (ara s-sentenzi fl-ismijiet **Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001 u **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2003).

Fil-każ ta' **DJRL Dance Limited et vs Trends Limited et**, tal-20 ta' Mejju 2019 deċiż mill-Prim'Awla, inghad ukoll li:

*"Meta tigi eccepita l-preskrizzjoni jew id-dekadenza, id-data trid tigi stabbilita b'mod car u l-oneru ta' tali prova jaqa' fuq il-konvenut li jkun eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritt."*

Kwindi, *"l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni."* (ara s-sentenza fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2002).

## 5. Kawża għal rexissjoni ta' kuntratt a differenza ta' eċċezzjoni ta' nullita' f'kawza istitwita minn min irid jenforza l-kuntratt

L-**Artikolu 1226** tal-**Kap. 16** jipprovdi li:

*"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jaġixxi għar-rexxissjoni.*

*(2) Din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikoli 1222 u 1224."*

Minn dan l-artikolu jsegwi li filwaqt li l-azzjoni għar-rexxissjoni ta' ftehim minħabba nullità minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni jew nuqqas ta' eta, obbligazzjonijiet mingħajr kawża jew bażati fuq kawża falza hi milquta b'perjodu ta' preskrizzjoni, l-eċċezzjoni ta' nullita kontra min irid jenfiorza l-kuntratt m'hijiex.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Scicluna noe vs Citadel Insurance p.l.c.,** deċiża mill-Qorti talAppell fis-27 ta' Ġunju 2008 ngħad illi:

*"…bhala regola generali insibu li l-Artikolu 1226 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "L-eccezzjoni ta' nullità tista', f'kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni." Fuq dan il-principju jidher li huma msejsa s-sentenzi tal-qrati taghna billi huwa dejjem rikonoxxut li meta kuntratt huwa null ilkonvenut jista' jehles mill-obbligi hemm allegatament assunti, billi fil-proceduri istitwiti mit-terz, jeccepixxi din innullità. Biss din ir-regola tapplika biss fil-kazi ta' nullità espressa mil-ligi u mhux f'dawk il-kazi meta, ghal ragunijiet ohra mhux kontemplati fil-ligi, il-kuntratt jista' jigi attakkat.*

*L-Artikolu 960 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi "kuntratt" bhala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni." Tali kuntratt ikun jiswa kemm-il darba jkunu sodisfatti r-rekwiziti essenzjali u cioè li l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu; li l-oggett tal-kuntratt tkun haga zgura; u finalment il-kawza ta' l-obbligazzjoni tkun wahda lecita.*

*Jekk xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali tkun nieqsa dak il-kuntratt ghandu jigi kunsidrat "null" ab initio u hadd ma jista' jippretendi xi drittijiet emanenti mill-istess kuntratt. F'dawn ic-cirkostanzi biss ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullità tista` tigi promossa "per via di eccezione" a tenur ta' l-Artikolu 1226 hawn fuq imsemmi."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni fl-ismijiet **Island Farmhouses Limited vs Michelina Xerri pro et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010, fejn intqal hekk:

*"Wiehed ma jistax jonqos milli jsemmi li l-ligi stess tipprovdi li f'kaz fejn hemm vizzju ta' kunsens (ezempju zball dwar ilfatt meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga jew vjolenza), dan hu motiv ta' nullità ta' kuntratt (ara f'dan is-sens per ezempju l-Artikoli 976 u 977 tal-Kodici Civili).*

*F'dawn ilkazijiet persuna tista' tagixxi ghar-rexxissjoni tal-kuntratt. Wiehed jista' jinterpreta l-Artikolu 1226 fis-sens li gialadarba f'dawn ic-cirkostanzi parti tista' tagixxi ghar-rexxissjoni talkuntratt, daqstant iehor tista' wkoll taghti eccezzjoni ta' nullità f'dawk il-kazijiet fejn tigi mharrka sabiex tigi mgieghla twettaq obbligazzjoni.*

*Din il-fehma tkompli tissahhah in kwantu s-subinciz (2) tal-Artikolu 1226 jipprovdi li "din leccezzjoni ma taqax taht il-preskrizzjoni stabilita fl-artikoli 1222 u 1224".*

*Provvedimenti li jistabilixxu preskrizzjoni talazzjoni ta' rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni jew nuqqas ta' eta, obbligazzjonijiet minghajr kawza jew bazati fuq kawza falza u ghall-kazijiet ohra.*

*Mela filwaqt li l-azzjoni ghar-rexxissjoni ta' ftehim minhabba nullità ghar-ragunijiet imsemmija hi milquta b'perjodu ta' preskrizzjoni, leccezzjoni m'hijiex. Dan is-subinciz jidher li jaghti x'jifhem li eccezzjoni ta' vizzju tal-kunsens hi ammissibbli u m'hemmx ghalfejn issir kawza ad hoc minn min ikun qieghed isostni nnullità tal-kuntratt ghal xi wiehed mill-motivi msemmija."*

## 6. Rinunzja

Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li l-**Artikolu 1228** tal-**Kap. 16** tal-**Liġijiet ta' Malta** irid li:-

*"It-twettiq jew ir-ratifika ma jgibux ir-rinunzja ghall-azzjoni ta' rexxissjoni, hlief meta jigi ppruvat li min wettaq jew irratifika kien jaf bid-difett li jaghti jedd ghal dik l-azzjoni."*

L-**Artikolu 1229** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta** ikompli illi:-

*"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan, it-twettiq jew ir-ratifika jistghu jsiru tacitament bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha lligi taghti l-azzjoni ta' rexxissjoni, jew b'xi att iehor li juri lintenzjoni li jinghata effett ghall-obbligazzjoni."*

*Kwindi,* jista' jkollok sitwazzjonijiet fejn anke jekk jirriżulta illi l-kunsens kien fil-fatt ivvizzjat, tkun teżisti rinunzja tad-dritt tal-kontraent illi jitlob ir-rexissjoni tal-ftehim.